# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 29 ta' Frar 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**
**Mohamed M Mahdi Mahdi**

**Kumpilazzjoni Nru: 795/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mahdi Mohamed M Mahdi detentur ta' tal-Karta tal-Identita' 137203(A) u passaport numru 605199.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Settembru 2015 bejn il-hdax neqsin kwart ta' filghodu u l-hdax ta' filghodu (10:45am-11:00am) minn San Giljan, ikkommetta serq ta' gaketta ghad-detriment ta' Stefan Arena u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-'valur' li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, hinijiet u cirkostanzi minn gewwa l-istabbiliment Bananas li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' flokk, ghad-detriment ta' Joseph Zammit Tabona u/jew persuni ohra. Akkuzat aktar talli laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, li kienu misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' mobile phone tal-ghamla Wiko

sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Akkuzat aktar talli f'San Giljan, fl-istess data, hinijiet u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma bil-ponta (sikkina) minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm tali arma.

Akkuzat aktar talli f'San Giljan, fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi f'post pubbliku jew post accessibli ghal pubbliku kien jinstab fi stat ta' sakra.

Akkuzat aktar talli f'San Giljan fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi ikkonsma xort alkoholiku fit-triq, liema xorb alcoholiku kien f'kontenitur tal-hgieg.

Akkuzat aktar talli f'San Giljan fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi rema', tefa' jew xort'ohra ddepozita f'post, gewwa post, jew minn xi post, fil-berah li l-pubbliku ghandu d-dritt jew setgha jidhol fih minghajr hlas, u halla, xi haga tkun f'cirkostanzi tali li tikkaguna, tikkontribwixxi, jew li tista' twassal ghal, it-tkerrih biz-zibel u skart ta' xi post fil-berah, liema depozitu u t-thollija ma kienux awtorizzati b'ligi.

Akkuzat aktar talli ghamel reat iehor waqt perjodu ta' sentenza sospiza li ghadha operattiva moghtija mill-Magistrat Dr. D. Clarke datata 02 ta' Frar 2015.

Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recediv f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenza hi definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda zewg istanzi ta' serq, ricettazzjoni, pussess ta' strument li jaqta u bil-ponta, u numru ta' reati ta' natura kontravvenzjonali; kollha fatti li graw nhar fis-27 ta' Settembru 2015 f'San Giljan.

Illi dak in-nhar fil-hanut Bananas fiTriq San Gorg Paceville kien hemm xoghol Jessica Micallef u Emanuela Cassar[1]. Huma raw lill-imputat diehel fil-hanut u deherilhom li kien fis-sakra; huwa kien liebes gakketta tal-gielda. Jessica Micallef rat lill-imputat imur fuq rack fejn kien hemm T-shirts, jiehu wiehed, u jdahhlu taht il-gakketta. Malli ghamel hekk l-imputat telaq 'l barra. Ftit tal-hin wara l-imputat rega dahal fil-hanut Bananas, dar xi ftit fil-hanut u z-zewg tfajliet indunaw li huwa kien liebes T-shirts li kien ha ftit qabel[2]. Jessica Micallef ziedet tghid li l-imputat kellu zewg flixken tal-vodka nosfhom vojta; wiehed kien f'idejh u l-iehor fil-but tal-qalziet u li huwa kien qed jimxi imxengel. Mistoqsija ghalfejn ma qalulu xejn lill-imputat huma qalu li bezghu jaffrontawh bis-serq. Pero wara dahal it-tieni darba iddecidew li jcemplu lill-pulizija.

Illi l-ewwel pulizija li ntervjenew kienu pulizija ta'l-RIU: PS279 Kevin Gauci, PC834 Johann Vella u PC756 Johann Xuereb. Huma marru hdejn il-hanut Bananas; it-tfajliet li kienu jahdmu hemm spjegaw x'kien gara, iddeskrivew lir-ragel li kien seraq it-T-shirts u anke qalu lill-pulizija fejn kienu rawh sejjer. Fil-fatt dak il-hin stess il-pulizija imsemmija raw lill-imputat hiereg mill-hanut li kienu ndikaw it-tfajliet u marru fuqu biex ikellmuh u jarrestawh. Waqt li kienu ghadhom fuq il-post qed jaghmlu search fuq l-imputat ghadda ragel fuq mutur u qal lill-pulizija li l-gakketta li kien liebes l-imputat kienet ta' habib tieghu u li kienet insterqet ftit tal-hin qabel. Il-pulizija ddirigew lil dan ir-ragel biex hu u l-habib tieghu imorru l-ghassa ta' San Giljan biex jaghmlu rapport; huma hekk ghamlu.

Illi fil-fatt Stefan Arena jixhed li dak in-nhar huwa kien qieghed ghand Macdonalds ta' Baystreet, fuq barra tal-hanut; f'xi hin dahal jidhol jixtri xi haga u meta rega' hareg il-gakketta ma sabhiex. Huwa mar ikellem lis-security ta' Baystreet u minn dak li raw fil-filmati tac-CCTV's irrizulta li l-gakketta seta' kienet ghand wiehed ta'nazzjonalita Libjana. Arena u xi hadd minn shabu marru jfittxu lil dan il-Libjan. Xi kwarta wara fil-fatt siehbu cempillu lil Arena u qallu li l-pulizija kienu ghadhom kif arrestaw persuna li

---

[1] Kien hemm tfajla ohra tahdem hemm dak il-hin pero qatt ma giet identifikata b'isimha.

[2] Emanuela Cassar ma ratx lill-imputat jiehu t-T-shirts pero t-T-shirt li kien liebes it-tieni darba li dahal dak in-nhar kien identiku ghal T-shirts li jbieghu fil-hanut.

kien liebes il-gakketta tieghu. Arena mar l-ghassa ta' San Giljan u malli wasal ra lill-imputat hiereg mill-vettura tal-pulizija liebes il-gakketta tieghu.

Illi l-pulizija komplew jirrakkontaw li meta arrestaw lill-imputat huwa kien liebes T-shirt li kien identiku ghat-T-shirt li t-tfajliet li jahdmu fil-hanut Bananas kienu iddeskrivew bhala misruq. Aktar minn hekk huma jghidu li l-imputat kellu basket tal-plastic f'idejh u fih, fost affarijiet ohra, kien hemm flokk imcappas bid-demm. Minhabba l-mod kif beda jimxi l-pulizija ssuspettaw li l-imputat seta' kellu  xi haga mohbija fuq il-persuna tieghu ghalhekk huma ghamlu search aktar dettaljata u sabu sikkina fil-qalziet fin-naha tal-warrani tieghu. It-tlett pulizija deherilhom li l-imputat kien fis-sakra.

Illi mir-rapport esebit[3] jidher li l-ewwel ilment possibilment relatat ma' dan il-kaz li l-pulizija ircevew kien dak maghmul permezz ta' telefonata minghand certu Hugo Chetcuti, propjetarju ta' Hugo's Terrace. Dan irraporta li kien hemm ragel ta' karnaggjon skura li kien qed jitfa' tazzez fit-triq. Zewg pulizija mill-ghassa ta' San Giljan li kienu fuq ir-ronda dak il-hin gew infurmati ukoll li dik l-istess persuna li kienet qed titfa' it-tazzez kellha flixkun tal-hgieg f'idejha. Ghandu jigi rilevat li la Hugo Checuti, u lanqas dawn iz-zewg pulizija ma tresqqu bhala xhieda.

Illi l-imputat mhux biss irrilaxxja stqarrija imma anke ddepona quddiem din il-Qorti; fiz-zewg istanzi l-imputat ma tantx jghid wisq. F'l-istqarrija jammetti li jixrob hafna minhabba problemi tal-familja tieghu gewwa l-Libya; jghid li ma jiftakarx x'gara fil-gurnata li gie arrestat pero jaghti spjega dwar kif gie fil-pussess ta' kull haga li nstabet fil-pussess tieghu. Dwar il-gakketta qal li tahielu siehbu Libjan qabel ma mar il-Germanja, dwar il-flokk qal li xtrah minn fuq il-Monti u dwar is-sikkina qal li sabha fil-bus stop u zammha. Meta ddepona quddiem din il-Qorti l-imputat qal li huwa kien xorob hafna dak in-nhar u ma jiftakarx l-avvenimenti li sehhew. L-unika haga li jiftakar hija li kien ilu ma' jmur xoghol xi tlieta jew erbaght ijiem, li dak in-nhar sab sikkina barra u gabarha, u li ftit wara hdejn il-momument maghruf bhal Love Monument f'San Giljan (li qieghed vicin hafna  ta'l-ghassa tal-pulizija) ittajjar minn karozza. Ma jiftakar xejn aktar, anzi zied li meta qal lill-ispettur li dik il-gakketta tal-gielda kien tahielu habib tieghu huwa gerfex u kien qed jitkellem fuq gakketta ohra. B'eccezzjoni tas-sikkina l-imputat m'offra l-ebda spjega ta' kif gew fil-

[3] Dok TM1 a fol 6 et seq tal-process.

pussess tieghu l-affarijet li nstabu fuqu. Mistoqsi ghaliex ma marx l-ghassa tal-pulizija meta tajritu karozza  ma ta l-ebda risposta plawzibbli hlif li ma jiftakarx.

Illi ghandu jigi rilevat li fis-sottomissjonijiet taghha l-abbli difensur ta'l-imputat allegat li l-imputat ma kienx jaf x'inhu jigri u ma seta' jiftakar xejn mill-avvenimenti in ezami minhabba li kienet tghajjrietu karozza u mhux ghaliex kien fis-sakkra. Il-Qorti ma tikkondividiex din it-tezi. F'l-ewwel lok l-imputat innifsu jammetti li huwa kien xorob hafna. Aktar minn hekk il-Qorti difficilment taccetta bhala verosimili l-allegazzjoni li persuna ittajret minn karozza ftit metri 'l boghod mill-ghassa tal-pulizija u li, wara li s-sewwieq baqa' sejjer[4], la l-imputat mar l-ghassa u lanqas hadd mill-persuni kollha li setghu kienu f'dawk l-inhawi ma intervjena jew almenu cempel lill-pulizija jew ghal ghajnuna medika.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma dwar serq aggravat bil-valur: is-serq tal-gakketta, u serq semplici: is-serq tat-T-shirts.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li lil Stefan Arena insteqietlu l-gakketta tal-gielda u li mill-hanut Bananas insteraq T-shirt. Iz-zewg tfjaliet li jahdmu fil-hanut Bananas kienu kredibbli u konsistenti fid-depozizzjoni taghhom u ma kellhom l-ebda dubbju dwar l-identita ta'l-imputat bhala l-persuna li kienet fil-hanut u li seraq it-T-shirt. Stefan Arena ukoll kien kredibbli bhala xhud u m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-gakketta li nstabet fuq l-imputat ftit minuti wara kienet il-gakketta ta' Arena. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li kien l-imputat li seraq iz-zewg oggetti in ezami.

Illi dwar il-valur tal-gakketta ghandu jigi rilevat li Arena spjega li dik il-gakketta kien xtraha ftit aktar minn sena qabel bhala parti minn sett, cioe qalziet u gakketta, u li flimkien kienu jiswew sebgha mitt Euro (€700); jghid li l-gakketta wahedha bejn wiehed u iehor kienet tiswa nofs dak il-prezz. Arena jghid ukoll li l-gakketta kellha selha; dan ifisser li ma kenitx fi stat intatt meta insterqet.

---

[4] L-imputat ma jghati l-ebda informazzjoni dwar kif sehh l-incident jew x'ghamel is-sewwieq li suppost tajru cioe waqafx jew baqax ghaddej.

Illi biex jissussisti l-aggravju tal-valur fir-reat tas-serq irid ikun hemm prova li l-oggett misruq kellu valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94). Fil-fehma tal-Qorti ma ngabitx prova fil-grad rikjest, u cioe 'l hemm minn kull dubbju ragonevoli, li dik il-gakketta, f'l-istat li kienet, kienet tiswa aktar minn dan l-ammont u ghalhekk fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jinstab hati ta' serq semplici u mhux ta' serq agravat bil-valur.

Ikkunisdrat

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar ricettazzjoni ta' mobile phone.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li f'l-atti processwali hija nieqsa kwalunkwe referenza ghal dan il-mobile phone; fil-fatt ma ngabet l-ebda prova dwar dan l-oggett. F'dawn ic-cirkostanzi l-imputat ma jistax jinstab hati ta' dan ir-reat.

Ikkunisdrat

Illi permezz tar-raba imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kien fil-pussess ta' sikkina minghajr licenzja biex ikun jista' jzomm din l-arma.

Illi din l-imputazzjoni hija bazata fuq l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond din id-dispozizzjoni tal-Ligi hadd ma jista' jgorr sikkina jew strument li jaqta u bil-ponta 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu jekk mhux bil-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi mill-provi akkwezieti f'dan il-process jirrizulta li meta l-imputat kien San Giljan, barra fit-toroq, kellu fuq il-persuna tieghu sikkina, pero ma ngiebitx prova dwar jekk l-imputat kellux licenzja mehtiega biex igorr dik is-sikkina jew le. F'dawn ic-cirkostanzi l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din ir-raba imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-hames imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li huwa kien barra fi stat ta' sakra.

Illi din l-imputazzjoni tirrizulta mhux biss minn dak li qalu l-persuni kollha li b'xi mod jew iehor gew f'kuntatt ma'l-imputat fil-lejl in ezami imma anke minn dak li qal l-imputat innifsu.

Ikkunisdrat

Illi permezz tas-sitt imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkonsma xorb alkoholiku fit-triq, liema xorb alkoholiku kien f'kontenitur tal-hgieg; din l-imputazzjoni hija bazata fuq ir-regolament 5 tal-Bye Law 52/1/2008.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li meta l-imputat kien qieghed fil-hanut Bananas wahda mit-tfaljiet li tahdem fil-hanut: Jessica Micallef innutat li l-imputat kellu flixkun tal-vodka f'idejh u iehor fil-but tal-qalziet; hija qalet ukoll li z-zewg flixken kienu nofshom vojta. Pero ma tressaq l-ebda xhud biex jghid li ra lill-imputat jixrob minn dawn il-flixken meta kien barra fit-triq.

Illi permezz tas-seba imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li tefa zibel fil-pubbliku. Din l-imputazzjoni hija apparentment bazata fuq ir-rapport li ghamel Hugo Chetcuti lill-pulizija; pero ma tressqet l-ebda prova in sostenn ta' di l-imputazzjozni.

Illi ghalhekk dawn iz-zewg imputazzjonijiet issa in ezami ma jistghux jirrizultaw.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ahhar zewg imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat bi ksur ta' sentenza sospieza u bir-recidiva. In sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet tressqet bhala prova sentenza datata 2 ta' Frar 2015 mghotija fil-konfront ta' l-imputat u li permezz taghha gie kkundannat sebgha xhur prigunerija sospiezi ghal tlett snin.

Illi r-reati li taghhom qed jinstab hati permezz tal-proceduri odjerni sehhew fis-27 ta' Settembru 2015 u ghalhekk fil-prejodu operativ tas-sentenza mghtoija fit-2 ta' Frar 2015; konsegwentement it-tmien imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Illi r-recidiva hija regolata permezz ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fil-kaz in ezami, u minhabba li s-sentenza li fuqha hija

bazata l-imputazzjoni hija sentenza sospieza, allura determinanti ukoll huma l-artikoli 28A(5A) u 28F tal-Kapitolu 9.

Illi l-artikolu 49 jistabilixxi meta persuna ghandha titqies recidiva: cioe jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, tagħmel reat ieħor. L-artikolu 50 imbaghad jistabilixxi li, skond ic-cirkostanzi hemm stabbiliti, il-piena mghotija fil-konfront ta'l-imputat recidiv tista tizdied bi grad. Dan l-artikolu 50 jipprovdi li:

> *Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin* ***minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena***[5]*, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk biex imputat jigi kunsidrat recidiv ai fini ta' dan l-artikolu 50 l-imputat irid ikun skonta il-perjodu ta' prigunerija gia impost fuqu.

Illi l-artikolu 28(5A) jipprovdi li:

> *Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28F il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv...*

Illi l-artikolu 28F mbaghad jipprovdi hekk:

> *Meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir ta'l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat l-ieħor, iżda l-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50* ***ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura***[6]*.*

[5] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[6] Sottolinear ta' din il-Qorti.

Illi ghalhekk sentenza sospieza ghandha titqies bhala kundanna ai fini ta'l-artikolu 49 pero ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-artikolu 50 qabel l-iskadenza tal-perjodu operativ jew, jekk issir effettiva, meta tkun giet skontata.

Illi ghalhekk l-imputat ghandu jitqies recidiv ai termini ta'l-artikolu 49 pero mhux l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali tieghu, u l-fatt li kien biss ftit xhur wara li l-imputat inghata sentenza sospieza li huwa rega' ikkommetta reati ohra.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet, ir-raba, is-sitt u s-sebgha imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 18, 28A, 28B, 49, 285, 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni qed jinstab hati ta' serq semplici u mhux serq aggravat bil-valur, u tikundannah hames (5) xhur prigunerija. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 qed taghzel li ddahhal fis-sehh is-sentenza ta' sebgha xhur prigunerija imposti bis-sentenza tat-2 ta' Frar 2015.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**